# MALTA

| ATT Nru. XV ta' l-1979 | ACT No. XV of 1979 |
| --- | --- |
| ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta. | AN ACT enacted by the Parliament of Malta. |
| **ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar it-Taxxa tad-Divertimenti.** | **AN ACT to amend further the Entertainments Tax Act, 1974.** |

Naghti l-kunsens tieghi.

President

10 ta' April, 1979

# ATT Nru. XV ta' l-1979

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar it-Taxxa tad-Divertimenti.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1979 li jemenda l-Att dwar it-Taxxa tad-Divertimenti, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1974 dwar it-Taxxa tad-Divertimenti, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

**2.** Fl-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "lil kull uffiċjal li jkun qed iservi fid-dipartiment tiegħu" għandhom jidħlu l-kliem "lil kull uffiċjal pubbliku jew membru tal-Forzi Armati ta' Malta,".

Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

**3.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "jkunu qed jiġu mħarsa." għandhom jiżdiedu l-kliem "Il-Kummissarju jkollu wkoll is-setgħa —

(a) li jeħtieġ lil kull persuna, waqt li jkun qed isir id-divertiment, biex tipproduċi għal spezzjon il-biljett jew dokument ieħor li jagħtiha l-jedd li tidħol jew li tipparteċipa fid-divertiment;

(b) li jagħmel estratti minn kotba jew dokumenti oħra għal kull wieħed mill-għanijiet ta' dan is-subartikolu; u

(ċ) li jaqbad kull oġġett li, fil-fehma tiegħu, ikun prova ta' xi reat jew irregolarità oħra li tkun saret kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regoli magħmula bis-saħħa tiegħu.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 267 tad-9 ta' April, 1979.

*Speaker*

*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

President

10 April, 1979

## ACT No. XV of 1979

*AN ACT to amend further the Entertainments Tax Act, 1974.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

1. This Act may be cited as the Entertainments Tax (Amendment) Act, 1979, and shall be read and construed as one with the Entertainments Tax Act, 1974, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of section 3 of the principal Act.

2. In section 3 of the principal Act, for the words "to any officer serving in his department" there shall be substituted the words "to any public officer or member of the Armed Forces of Malta,".

Amendment of section 15 of the principal Act.

3. In subsection (1) of section 15 of the principal Act, immediately after the words "are being complied with." there shall be added the words "The Commissioner shall also have power —

(a) to require any person, while an entertainment is in progress, to produce for inspection the ticket or other document entitling him to admission to or participation in the entertainment;

(b) to make extracts from books or other documents for any of the purposes of this subsection; and

(c) to seize any article which, in his opinion, furnishes evidence of any offence or other irregularity committed against the provisions of this Act or of any rules made thereunder.".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 267 of the 9th April, 1979.

*Speaker*

*Clerk to the House of Representatives*